# 11

# Il-Gazzetta *IL-MOSTA*

Wieħed mill-akbar kontributi li l-Oratorju Qalb ta' Ġesù ta b'risq il-parroċċa huwa l-pubblikazzjoni tal-gazzetta parrokkjali, bl-isem ta' *Il-Mosta*. Għal xejn anqas minn erbgħin sena l-Oratorju żamm appuntament kostanti mal-qarrejja ta' din il-gazzetta indirizzata b'mod partikolari lil dawk kollha li jinteressahom minn dak kollu li kien qiegħed jiġri fil-Mosta. L-ewwel ħarġa kienet ippubblikata f'April 1965, filwaqt li l-aħħar ħarġa ppubblikat mill-Oratorju kienet dik ta' Settembru – Diċembru 2005. Matul din il-medda tas-snin kienu laħqu ġew stampati 188 ħarġa ta' *Il-Mosta*. Il-logo tal-gazzetta, għalkemm inbidel għal numru ta' drabi, dejjem inkorpora fih l-istemma tal-Mosta u xbieha tar-Rotunda. Mill-2006 'il quddiem, il-gazzetta *Il-Mosta* ma baqgħetx aktar organu tal-Oratorju, ingħatalha format ġdid bħala magażin u bdiet tkun ippubblikat mill-Uffiċċju Parrokkjali sakemm waqfet miċ-ċirkolazzjoni fl-2015.

## L-iskop tal-gazzetta

Dun Anġ Camilleri, bħala Direttur tal-Oratorju, kien ukoll l-editur ta' din il-gazzetta parrokkjali għaż-żmien kollu li damet tkun amministrata mill-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Fl-editorjal tal-ewwel ħarġa ta' *Il-Mosta* fl-1965, Dun Anġ spjega l-iskop maġġuri ta' din il-gazzetta li kien għadha kif tnediet:

> Il-Mosta fl-aħħar ser ikollha l-gazzetta tagħha. Kienet ilha fil-ħsieb ta' ħafna nies prominenti; issa dak li kien ħolm jew xewqa sar realtà... Din il-gazzetta ma hi marbuta ma ebda partit politiku. L-iskop uniku tagħha hu li nsemmu u nfakkru dejjem dak li hu tajjeb fil-Mosta u li nagħtu tagħrif fuq avvenimenti li jsiru minn żmien għal żmien (*Il-Mosta* 1965, 1: 1).

Wieħed irid jiftakar li f'nofs is-snin sittin, f'Malta kien hawn ir-realtà tal-ġlieda politika-reliġjuża bejn il-Partit Laburista fuq naħa u l-Knisja fuq in-naħa l-oħra, bil-bosta għaqdiet li kienu jappoġġjawha. Huwa f'dan il-kuntest li trid tiftiehem il-konvinzjoni tal-editur ta' *Il-Mosta* li din il-gazzetta ma kellha sservi ta' ebda tarka jew

sejf politiku. Matul is-snin din il-konvinzjoni tal-bidu baqgħet bla mittiefsa u qatt ma kien hemm ilmenti li fihom *Il-Mosta* ġiet imżeffna f'xi kontroversja politika. Dan mhux faċli f'pajjiż polarizzat politikament fejn kollox, jew kważi kollox, jaf ikollu t-timbru politiku tiegħu.

L-iskop primarju tal-gazzetta dejjem baqa' dak li jxettel spirtu ta' komunità ħajja u kburija bil-patrimonju, l-għaqdiet u r-Rotunda tagħha, mhux biss fost il-Mostin u dawk li ġew joqogħdu fil-Mosta, iżda wkoll fost l-eluf ta' Mostin li kienu emigraw barra, partikolarment fl-Istati Uniti, l-Awstralja, il-Kanada u l-Ingilterra. Dawn il-Mostin ta' barra kienu jistgħu jaqraw din il-gazzetta permezz ta' abbonament li kien jagħmel tajjeb ukoll għall-ispejjeż tal-posta. Mhux l-ewwel darba u tnejn li l-emigranti Mostin kienu jiktbu xi ittra kollha kumplimenti lill-editur u Dun Anġ kien ikun pront pront jippubblikaha fl-ewwel ħarġa li jkun imiss.

## Il-ħtieġa tal-*Mustensia*

Il-gazzetta *Il-Mosta* kienet prominenti ħafna fil-ġabra ta' riċerka, tagħrif u kronaka assoċjati mal-Mosta. Dawn huma l-ingredjenti ewlenin li flimkien jibnu u jifirxu l-*Mustensia*, jiġifieri l-istudju ta' dak kollu relatat mal-lokalità tal-Mosta. Sa mill-ewwel ħarġa tagħha, din il-gazzetta kienet strumentali biex tiddokumenta l-attivitajiet tal-għaqdiet Mostin u twassal informazzjoni storika dwar il-knisja arċipretali, il-kappelli, it-torrijiet, il-purċissjonijiet, l-użanzi u l-personalitajiet reliġjużi, lajċi u professjonisti li għamlu ġieħ lill-Mosta. Kif kien iħobb jikteb l-editur, '*Il-Mosta* tħares lura u 'l quddiem'. Kull ċittadin denju għandu jkun imgħarraf fuq il-passat li sawru u tah identità u, fl-istess waqt, għandu jkun involut f'ħidma komunitarja kontinwa biex jassigura futur sabiħ u mimli sens ta' komunità. Essenzaljment din kienet il-loġika ewlenija ta' Dun Anġ bħala editur tal-gazzetta għal erbgħin sena sħaħ.

Il-Professur Oliver Friggieri fehem tajjeb din il-loġika u jissokta jisħaq fuq l-importanza ta' din it-tip ta' pubblikazzjoni li 'tiżra' fit-tfal u fiż-żgħażagħ dik l-imħabba lejn il-pajjiż li sikwit ikollha teħodha mal-eqqel qawwiet, jiġifieri il-materjaliżmu, l-egoiżmu u l-bruda'. Meta kien qiegħed jikteb ħsibijietu fl-okkażjoni tal-25 sena anniversarju mill-ewwel ħarġa ta' *Il-Mosta*, Friggieri jgħid hekk:

> Fuq naħa, mela, hemm l-istorja, u fuq in-naħa l-oħra hemm id-djarju, jew aħjar it-tagħrif dwar il-ġrajjiet żgħar li jorbtu lill-familja parrokkjali flimkien. Ħarsa lejn il-ħarġiet imgħoddija ta' *Il-Mosta* tixhed dan minnufih... Il-ġrajja ta' pajjiż hi l-ġrajja tal-poplu kollu, li f'Malta hu mqassam f'parroċċi. Meħudin ilkoll flimkien dawn il-parroċċi jsawru soċjetà sħiħa, magħmula minn kotra u mhux minn dawk li għandhom ħatra uffiċjali. Għalhekk *Il-Mosta* tagħmel tajjeb kull meta tisħaq fuq il-vitalità li hemm fl-esperjenza tal-kotra. (Friggieri 1990: 4)

Fil-kuntest globalizzat li ngħixu fih illum, meta sirna ngħidu li 'd-dinja saret raħal u r-raħal sar id-dinja', forsi mhux kulħadd għadu jagħraf is-siwi tal-lokal, tal-komunità

ċkejkna, tal-knisja u l-għaqdiet tar-raħal. Jista' jkun li għal ħafna minna ma għadx fadal lok għad-dettall u l-intietef tal-mikrokożmu raħli peress li r-realtà li sirna ngħixu fiha tħaddan il-kumplessità u l-grandjożità tal-makrokożmu dinji. B'danakollu, meta toqgħod tqis u taħseb, illum sar għandna aktar ħtieġa li nkunu nafu min aħna u fejn huma mfanndin l-għeruq tagħna, mhux biex ningħalqu f'dinja għalina, imma appuntu biex ninfetħu għad-dinja. F'dinja globalizzata sar hawn iżjed bżonn li nkunu konxji ta' fejn huma għeruqna għax inkella jiżdied ir-riskju li nsofru minn kriżi ta' identità. Għalhekk il-proġett tal-pubblikazzjoni *Il-Mosta* li beda f'nofs is-snin sittin u li għadu jitkompla sa żmienna jeħtieġ li jibqa' sejjer. Jekk stampat m'għadux aktar vijabbli, jeħtieġ li jibqa' sejjer *online*. Dan huwa proġett ħaj ta' storja u kronaka ta' poplu li sawwar raħal ċkejken u li biż-żmien biddlu f'belt li sservi ta' ċentru kummerċjali.

## Bidliet mas-snin

Matul is-snin il-gazzetta *Il-Mosta* rat diversi tibdiliet. Nibdew l-ewwel bil-prezz ta' kemm kienet tinbiegħ. L-ewwel ħarġa kienet tinbiegħ żewġ soldi (€0.09); l-aħħar ħarġa amministrata mill-Oratorju kellha prezz ta' 15-il ċenteżmu (€0.34). In-numru ta' paġni wkoll kiber qatigħ. L-ewwel ħarġa bdiet b'erba' paġni u l-aħħar ħarġa mill-Oratorju spiċċat bi 22 paġna. Żdiedu wkoll ir-reklami; minn disgħa fl-ewwel ħarġa għal 62 fl-aħħar ħarġa bħala organu tal-Oratorju. Kien hemm ukoll l-introduzzjoni tal-kulur fejn insibu li għall-okkażjoni tal-għoxrin anniversarju tal-gazzetta (1965-1985), *Il-Mosta* introduċiet il-kopertina bil-kulur. Dawn iż-żidiet fil-prezz, u fl-għadd u l-kwalità tal-paġni u r-reklami jindikaw kemm *Il-Mosta* żiedet fil-popolarità tagħha bejn l-1965 u l-2005. Hekk kotor in-numru ta' kittieba u kontributuri u l-firxa ta' temi diskussi. Nistgħu ngħidu li kull każin, għaqda, klabb u moviment Mosti jew li jopera fil-Mosta għamel użu minn din il-pubblikazzjoni tal-Oratorju biex isemma' leħnu u jagħti informazzjoni dwar l-attivitajiet li jkunu saru jew li se jsiru. Iż-żewġ każini tal-banda, Nicolò Isouard u Santa Marija, il-gruppi tal-iscouts u l-*girl guides*, il-klabbs tal-futbol u tar-roti, l-Għaqda tan-Nar 15 t'Awwissu u Talent Mosti lkoll kellhom ir-rokna residenti tagħhom fil-gazzetta. Sehem l-għaqdiet huwa minnu nnifsu xhieda ta' komunità ħajja fi stat kostanti ta' bidla u aġġornament. Mill-1994 'il quddiem beda jkun hemm ukoll tagħrif u aħbarijiet relatati mal-Kunsill Lokali.

## Akkontabilità dwar id-donazzjonijiet

Irridu nirrimarkaw li ma' dawn l-esponenti kollha tas-soċjetà ċivili fil-Mosta, l-amministrazzjoni tal-gazzetta dejjem refgħet post għal tagħrif u rubriki assoċjati mal-għaqdiet maġġuri tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù, partikularment l-Għaqda Studenti Mostin, il-Ġuvintur Azzjoni Kattolika u l-Kor Santa Ċeċilja. Per eżempju, f'kull ħarġa ta' Diċembru, Dun Anġ dejjem kien jerfa' spazju abbundanti biex jikteb dwar l-istrina tal-Oratorju, jew il-ġabra ta' flus bieb bieb li l-membri tal-Oratorju kienu jagħmlu matul

is-sena biex jiġbru fondi b'risq il-ħidma Oratorjana. Fil-kitba tiegħu dwar l-istrina, Dun Anġ kien jagħti tagħrif tal-proġetti strutturali li kienu jsiru, min qiegħed igawdi minnhom u kemm ġew jiswew u kemm għad fadal biex jitħallsu kollha. L-appelli tiegħu għall-flus tal-pubbliku kienu mimlija ħrara u ferħ għal dak li jkun irnexxielhom jagħmel bihom għall-ġid tat-tfal u ż-żgħażagħ. Se nġib tliet eżempji biss mill-appelli ta' Dun Anġ għall-Istrina tal-Oratorju li dehru fuq *Il-Mosta*,

> Dan l-appell ta' kull sena nagħmluh kemm għal dawk li jafuna u kemm għal dawk li għadhom ma jufuniex... Is-sena l-oħra semmejna fl-appell tagħna l-ispejjeż li kien fadlilna fuq il-gallerija tas-Sala fejn isiru r-reċti u l-films. Illum nistgħu ngħidulkom li bil-ġabra li saret is-sena l-oħra .... l-ispejjeż ħallasniehom kollha. Grazzi lil kulħadd minn qalbna. (*Il-Mosta* 93, 1981)

> Dwar il-qagħda finanzjarja, bil-għajnuna t'Alla u tant benefatturi, ħlisna mill-ispiża li kien fadlilna fuq l-arbli tal-grawnd. Dwar is-sistema ta' *amplifiers, loudspeakers* u qniepen, is-somma niżlet għal Lm516 [€1,200]; biss kellna nidħlu bla ħsieb għal spiża ta' Lm268 [€623] biex nagħtu surface sealer, qatran u xibka lil żewġt ibjut kbar, dak tas-sala u dak tal-kappella. (*Il-Mosta* 137, 1989)

> Is-sena l-oħra l-istrina laħqet is-somma ta' Lm785 [€1,835]. Din marret kollha biex inħallsu parti mill-ispiża li kellna fuq it-tagħmir tal-klassijiet tad-duttrina. Issa għandna klassijiet li jħabbtuha mal-aqwa ċentri ta' Malta. (*Il-Mosta* 161, 1996)

Meta llum sirna nitkellmu dwar il-valur tal-akkontabilità fil-ħajja pubblika, l-Oratorju kien ilu għexieren ta' snin jagħti rendikont pubbliku ta' x'inhu jsir bid-donazzjonijiet tal-pubbliku u hekk jassigura wkoll tmexxija trasparenti u serja. Mhux ta' b'xejn li l-akkontabilità u t-trasparenza huma tnejn mill-prinċipji ewlenin li tisħaq fuqhom il-Liġi tal-Organizzazzjonijiet Voluntarji tal-2007. Kif għedna, l-għaqdiet tal-Oratorju kienu wkoll attivi ferm biex iwasslu l-kelma tagħhom fil-gazzetta. Min jaf kemm-il darba, bħala Segretarju tal-Istudenti u aktar tard bħala Viċi President tal-Azzjoni Kattolika, kont nikteb f'*Il-Mosta* biex nagħti informazzjoni dwar dak li jkun qiegħed jiġri fl-Oratorju, ngħidu aħna s-serata akkademika annwali tal-Għaqda Studenti, jew il-maratona tal-isports organizzata mill-Azzjoni Kattolika, jew il-proġett ta' skolasajf li għal snin twal kien ikun organizzat fl-Oratorju. Miegħi kien hemm ħafna żgħażagħ oħrajn li kienu jitħajru jiktbu u d-direzzjoni tal-gazzetta dejjem kellha idejha miftuħin għal artikolisti żgħażagħ bħalna. Konna nistennew bil-ħerqa li nixtru l-gazzetta biex naraw l-artikli tagħna mxandra. Għalija u għal ħafna Mostin oħra, il-gazzetta *Il-Mosta* offritilna l-ewwel (u għal xi wħud, l-unika) opportunità biex nippubblikaw kitbitna.

## It-trepied tal-gazzetta

Min jaf kemm-il darba kont nara lil Dun Anġ miġbur għall-kwiet taħt l-abbozz ta' Santa Marija fl-Oratorju b'nuċċali bi frejm iswed u oħxon fuq għajnejh u b'salt karti mifruxin fuq il-mejda goffa ta' quddiemu, iħammem fuq x'se jikteb għall-ħarġa li jkun imiss tal-gazzetta. Minbarra l-editorjal, Dun Anġ kien jikteb diversi artikoletti ta' kronaka fuq l-Oratorju u l-għaqdiet fi ħdanu. Xi minn daqqiet kien jiffirma bħala D.A.C. li naturalment ifissru Dun Anġ Camilleri, imma aħna ta' studenti li konna dak iż-żmien, mixgħulin bit-tagħlim tal-fiżika, konna ħadniehom li jfissru *Direct Alternating Current*! Ħafna drabi kien ikun hemm miegħu, taħt l-abbozz ta' Santa Marija, Joe Bezzina u Anthony Camilleri (1946-2001) li kienu l-ajjutanti primarji tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' *Il-Mosta*. Toni, Joe u Dun Anġ kienu t-trepied li mexxa l-gazzetta *Il-Mosta* u li kabbarha u sebbaħha matul il-medda tas-snin. Qatt ma naqsu li jibagħtu kopji ta' kull ħarġa lill-Bibljoteka Nazzjonali tal-Belt Valletta u lil-Librerija Reġjonali tal-Mosta biex hekk jassiguraw mhux biss li jibqa' rekord dejjiemi ta' *Il-Mosta*, imma li fuq kollox il-ħarġiet kollha jibqgħu aċċessibbli għar-riċerkaturi fiż-żmien li ġej. Anthony Camilleri kien l-id il-leminija f'dak kollu relatat ma' riċerka, kitbiet ta' artikli u qari tal-provi, filwaqt li Joe Bezzina kien l-id ix-xellugija fejn jidħlu ġbir ta' reklami, tqassim fil-ħwienet u kuntatti mal-istampatur. Kont sikwit nilmaħ lil dawn it-tnejn jitħaddtu ma' Dun Anġ dwar xi jkun imiss jidher fil-gazzetta, x'ritratt se jagħżlu għall-kopertina, liema artikli kellhom jitħallew għal darb'oħra minħabba l-limitazzjoni tal-ispazju u kif l-aħjar jagħmlu biex jiġbru flus pendenti ta' reklami diġà ppubblikati.

Il-gazzetta *Il-Mosta* kienet toħroġ b'mod regolari tliet darbiet fis-sena: f'April għall-ħabta tal-Ġimgħa Mqaddsa, f'Awwissu għall-festa ta' Marija Assunta u f'Diċembru fi żmien il-Milied. Dawn huma t-tliet festi l-kbar li, fl-imgħoddi aktar mil-lum, kienu jimmarkaw l-istadji ewlenin tal-ħajja ta' niesna fil-kalendarju parrokkjali. L-istess bħal kopertina ta' quddiem, ħafna drabi, l-editorjal kien jieħu l-ispirazzjoni minn dawn il-festi biex iwassal il-fehma tad-direzzjoni tal-gazzetta. Ma jistax jonqos li f'kull ħarġa abbinata mar-Randan, mal-Kwindiċina u mal-Avvent, il-gazzetta kien ikollha artikli interessanti marbutin maċ-ċelebrazzjonijiet ta' dawn il-festi: l-istorja, il-folklor, il-personaġġi, id-devozzjoni, l-arti u anki wkoll l-attivitajiet kontemporanji li kienu jseħħu fil-Mosta. F'dan il-ġeneru ta' kitba jispikkaw l-istoriċi Mostin – Franġisku Mangion u Joseph Borg – li f'*Il-Mosta* ppubblikaw turruni ta' artikli ta' natura storika, reliġjuża u kulturali. Fuq il-passi tagħhom imxew kittieba oħrajn, fosthom Anthony Camilleri, Victor B. Caruana, Dr George Cassar u Louis Vassallo li maż-żmien ukoll ikkontribwew diversi kitbiet fuq il-ħajja l-imgħoddija tal-Mostin, l-istorja tal-kappelli u tant aspetti oħrajn marbutin mal-lokal tar-Rotunda.

## 'Il-prinċipessa tal-gazzetti'

Il-folklorista, kittieb u artist il-Kav. Rafel Bonnici Calì (1907-2002) isejjaħ *Il-Mosta* bħala 'l-prinċipessa tal-gazzetti parrokkjali'. F'ittra lill-editur fl-1985, Calì jasserixxi li l-gazzetta Mostija hija 'żgur l-aħjar gazzetta li għandna f'Malta' (Calì, 1985). Min-naħa tiegħu, il-Professur Oliver Friggieri jgħid li *Il-Mosta* hija aktarx waħda mill-ixjeħ [gazzetti parrokkjali] fost il-ħajjin' (Friggieri, 1990). U hekk hu tabilħaqq! Għalkemm il-Mosta ma kinitx fost l-ewwel gazzetti li bdew ikunu ppubblikati f'Malta wara l-gwerra, imma hija żgur l-aktar waħda li baqgħet toħroġ, tant li baqgħet tkun stampata sal-2015. Dun Anġ, bħala editur, kien iħobb ifakkar lill-qarrejja fil-'*birthday*' tal-gazzetta billi jiddedika parti mill-editorjal għal dan, kważi ma' kull sena li tgħaddi. F'dawn it-tip ta' kummenti editorjali ma kienx jonqos li jtemm l-artikolett bil-vers ċelebri Latin, *ad multos annos*, ħafna drabi miktub b'ittri kapitali u bil-punt esklamattiv fl-aħħar. Donnu ried mhux biss jiċċelebra l-grazzja li din l-inizjattiva baqgħet mimlija bil-għomor, imma wkoll li baqgħet sejra meta ta' ħaddieħor ilha li waqfet. Huwa propju dan il-ħsieb ta' kontinwità li baqa' jberren f'moħħ Dun Anġ anki meta xjaħ, marad u kellu jkun rikoverat fid-Dar tas-Saċerdoti Anzjani. F'messaġġ li huwa kiteb lid-direzzjoni l-ġdida ta' *Il-Mosta* li ħadet l-inkarigu li tissokta b'din il-pubblikazzjoni wara li ma baqgħetx toħroġ mill-Oratorju, Dun Anġ jenfasizza propju din l-idea,

> Wara mixja li qabżet l-erbgħin sena mill-1965, mhux sewwa li l-gazzetta tieqaf ħesrem. Din hija gazzetta li tapprezza l-ġid li jsir f'kull qasam tal-Mosta. Għandna bosta għaqdiet reliġjużi u oħrajn soċjali li kollha jaħdmu biex jibnu Mosta aħjar. Nafu kemm il-Mostin, anki dawk imsifrin, ikunu jistennewha u jifirħu b'dak li jkun qed isir jew jitwettaq. Jalla kulħadd jagħti sehmu biex *Il-Mosta* tibqa' miexja 'l quddiem. Nawguralha kull suċċess. (Dun Anġ 2006: 2)

## Pubblikazzjonijiet f'faxxikli

Matul l-erbgħin sena li kien ilha toħroġ mill-Oratorju, *Il-Mosta* qdiet ukoll rwol ieħor importanti; dak li permezz ta' faxxikli (illum insejħulhom *pull-out inserts*) kienu ppubblikati żewġ kotba li ssiġġillaw l-importanza tal-*Mustensia*. L-ewwel ktieb li kien ppubblikat b'dan il-mod huwa t-tieni edizzjoni ta' *Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha* (1930) ta' Emanuel B. Vella. Il-ktieb ta' Vella mhux biss reġà ġie ippubblikat fil-forma ta' faxxikli, imma miegħu żdiedu numru ta' taqsimiet ġodda biex ikopru dak li ġara fil-Mosta mill-1930, is-sena li matulha kien stampat ix-xogħol oriġinali ta' Vella, sal-1986, is-sena li fih waqfu ż-żiedet ppubblikati fil-gazzetta *Il-Mosta*. L-ewwel faxxiklu ta' dan ix-xogħol ta' riċerka deher f'*Il-Mosta* fil-ħarġa ta' Santa Marija tal-1972 u l-aħħar faxxiklu kien ippubblikat erbatax-il sena wara fil-ħarġa Nru 119 tal-1986. Fl-editorjal ta' *Il-Mosta* (April-Ġunju 1986), l-editur qal,

> B'dan il-ktieb inżommu ħajja l-memorja ta' E.B. Vella, li hu meqjus bħala missier l-istorja reġjonali ta' Malta, wild din l-art Mostija li lkoll inħobbu. L-istorja ta' Vella fiha l-elementi kollha ta' kif tinkiteb storja b'mod xjentifiku, iżda l-fulkru hu r-reliġjon, il-knsija u l-Verġni Marija Assunta. Aħna fittixna li nimxu fuq il-passi tiegħu. Nittamaw li dalwaqt ikollna f'idejna għall-bejgħ dan il-ktieb b'iktar minn 704 paġni... Il-gazzetta tagħna, *Il-Mosta*, tibqa' sejra tiġbor tagħrif ġdid u qadim biex kif jgħid il-Malti, terfa' u ssorr għal meta jiġi bżonn. (*Il-Mosta* 119, 1986: 1.

It-tama tal-editur twettqet dik is-sena stess meta fl-1986 kien stampat il-ktieb bl-isem ta' *Storja tal-Mosta* ppubblikat mill-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Sena wara, eżattament nhar it-Tlieta 28 ta' Lulju 1987, Dun Anġ tela' s-sema bil-ferħ u s-sodisfazzjon. Dak kien il-jum meta hu flimkien ma' 'grupp żgħażagħ mill-Oratorju Qalb ta' Ġesù kellhom ix-xorti li jkunu viċin tal-Papa [Ġwanni Pawlu II] meta attendew għall-Konċelebrazzjoni f'Castel Gandolfo, Ruma, fis-7:30 am' (*Il-Mosta* 126, 1987). Wara l-quddiesa l-Papa resaq ikellimhom u Dun Anġ Camilleri offrielu l-ktieb *L-Istorja tal-Mosta* ta' E.B. Vella u oħrajn. Fil-paġna ta' quddiem tal-gazzetta *Il-Mosta* (Nru. 126, 1987), Dun Anġ għażel titlu b'ittri kapitali u grassi **'L-ISTORJA TAL-MOSTA F'IDEJN IL-PAPA ĠWANNI PAWLU II'**. Għalkemm dan il-ktieb illum huwa *out-of-print*, imma kien u għadu punt ta' referenza kruċjali għal kull min irid jagħmel riċerka konnessa mal-Mosta.

Ktieb ieħor li wkoll jaf l-oriġini tiegħu fil-forma ta' faxxikli maħruġin mal-gazzetta *Il-Mosta* huwa Ħbit mill-Ajru fuq ir-Rotunda tal-Mosta: il-Ħamis 9 t'April 1942 (1992) ta' Anthony Camilleri b'pubblikazzjoni tal-istess Oratorju. Dan huwa xogħol intrikat b'riċerka massiċċa, imżewwaq b'għadd kbir ta' intervisti u ritratti li jirrakkontaw il-ġrajja tal-famuż miraklu tal-bomba. Xogħol ieħor ta' riċerka li Anthony Camilleri kien ukoll beda jippubblika fil-forma ta' faxxikli permezz tal-gazzetta *Il-Mosta* kien propju l-istorja tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Dawn il-faxxikli kienu bdew jidhru fis-snin disgħin, imma eventwalment ix-xogħol ma tkompliex u l-faxxikli li laħqu ħarġu qatt ma mmaterjalizzaw fi ktieb, kif kienet ix-xewqa oriġinali tal-awtur. B'danakollu, ir-riċerka ta' Camilleri kienet ta' ispirazzjoni u tal-akbar għajnuna għalija biex jien stajt nibda nikteb dan il-ktieb li għandek f'idejk.

## Konklużjoni

Il-gazzetta *Il-Mosta* tat kontribut siewi lill-parroċċa bl-iskop li tqanqal sentimenti ta' attiviżmu, volontarjat, fidi, responsabbiltà, identità u għarfien fost il-Mostin, huma fejn huma u huma min huma. Ħadd qatt ma tħallas tax-xogħol editorjali jew tal-kitba; kollox sar għall-akbar glorja t'Alla u għal ġieħ il-lokalità. Mhux li kien li fiż-żmien li ġej jibqa' jkollna nies bħal dawn li b'għerfhom u ħilithom jibqgħu jkunu ta' servizz fil-komunità. Ta' min jinnota li fil-librerija reġjonali tal-Mosta hemm merfugħin in-numri kollha tal-gazzetta *Il-Mosta*.



Il-mument tat-tqassim tal-kotba lill-membri ħabrieka fi tmiem ta' kull Akkademja. Hawn naraw lil Dun Anġ iqassam il-kotba fil-preżenza tal-Onor Lawrence Gatt f'Jannar tal-1971.



Malta
Government Tourist Board
Certificate of Merit
awarded to
SACRED HEART ORATORY
MOSTA
for participation in the
Christmas
Decoration Competition
1970
Secretary
Chairman

Ċertifikat mogħti mill-Gvern ta' Malta fl-1970 li jirrikonoxxi l-impenn taż-żgħażagħ Oratorjani biex iżejnu ċ-ċentru tagħhom għall-festi tal-Milied ta' dik is-sena.



L-arċipriet Bartilmew Bezzina bis-sagrament taħt il-baldakkin waqt il-purċissjoni tal-festa tal-Qalb ta' Ġesù tal-1973. Jidhru wkoll il-pavaljuni u l-bandalori fit-toroq li kienu jintramaw mal-blokka tal-Oratorju.



L-inawgurazzjoni tal-librerija tal-Għaqda Studenti Mostin meta ġiet trasferita għall-kamra ta' barra fuq ix-xellug fil-bidu tas-sebgħinijiet. Jidher l-arċipriet Bartilmew Bezzina dahru lejna, ħdejh hemm Mario Azzopardi li llum huwa stabbilit bħala kritiku tal-films. Fin-nofs jidher Joe Sammut li eventwalment laħaq awditur u fuq il-lemin Dr Ferdinando Calleja.



Għall-akkademja tal-1972 ittella' d-dramm ta' Patri Ġużè Delia bl-isem *Il-Leġġenda tal-Kurċifiss tal-Wied.* L-akkademja bi produzzjoni tal-Għaqda Studenti Mostin kien ikollha wkoll is-sehem attiv tal-Ġuvintur Azzjoni Kattolika u l-Kor Santa Ċeċilja



Fl-1977 reġa' mess lil Shakespeare biex minn tiegħu jittella' d-dramm *Hamlet* għall-Akkademja tal-Għaqda Studenti Mostin. Imma issa d-drammi ta' Shakespeare bdew jinqalbu u jinħadmu bil-Malti. Taħt il-palk jidher il-pjanu l-antik li Dun Anġ kellu bokka kbira bih!



Il-Kor Santa Ċeċilja tal-Oratorju flimkien mal-banda Nicolò Isouard fuq l-artal tar-Rotunda nhar it-8 t'Awwissu 1975. Dakinhar saret akkademja mużiko-letterarja bħala parti mill-festi l-kbar tal-Inkurunazzjoni tal-kwadru titulari tal-Assunta.



Il-wasla tal-Arċisqof Mikiel Gonzi fl-Oratorju fis-6:30pm nhar l-10 t'Awwissu 1975 biex jagħti bidu għall-purċissjoni solenni tal-inkuranazzjoni.



It-tribuna tal-inkurunazzjoni armata fuq iz-zuntier tar-Rotunda fl-1975. Dun Anġ u ż-żgħażagħ Oratorjani kellhom sehem kbir fit-tfassil u l-armar ta' din it-tribuna.



Bħala parti mill-festi tal-Inkurunazzjoni tal-kwadru titulari tal-Assunta fl-1975, l-Għaqda Teatrali *Jien u l-Oħrajn*, immexxija minn Joe Quattromani, ppreżentat *Son et Lumierè*, speċi ta' rappreżentazzjoni teatrali u mużikali tal-istorja tal-Mosta mill-qedem sas-sebgħinijiet. Kważi l-kast kollu kien kompost minn membri tal-Oratorju. Din l-attività saret fil-pjazza ta' wara r-Rotunda, il-Ħadd 3 t'Awwissu 1975.




L-eks President tal-Għaqda Studenti Mostin, Anthony Camilleri, qiegħed jippreżenta għotja lill-Arċisqof, Mons. Mikiel Gonzi, fuq it-tribuna tal-inkurunazzjoni waqt il-festi l-kbar tal-1975. Fuq ir-ritratt jidher il-kliem ittajpjat, waqt li hu mqasqas fuq il-lemin tiegħu, eżattament kif kienu jkunu esebiti r-ritratti fl-inkwatri fl-Oratorju qabel tneħħew kollha fl-2007.



It-tfal Oratorjani lesti għat-tiġrija fuq il-laned l-kbar tal-kunserva waqt waħda mill-kompetizzjonijiet sportivi għall-festa tal-Qalb ta' Ġesù tal-1975. Wara l-lasti jidhru parti mill-bandli li kienu installati fil-grawnd fis-sittinijiet u li nqalgħu fl-aħħar tad-disgħinijiet.



Il-magni li jdawru l-films fl-Oratorju minn dejjem kienu element importanti. Il-films kienu jintwerew regolarment fi tmiem il-ġimgħa. Hawn naraw lil Ray Gauci fuq wieħed mill-*projectors* l-antiki fil-kabina l-antika fl-1973.



Il-proġett tal-gallerija fis-sala tal-Oratorju li kien inawgurat fl-1977. Ix-xogħol sar fuq pjanta tal-perit Lawrence Gatt u bis-saħħa t'hekk issa kien possibbli li fuq il-gallerija jibdew joqogħdu 150 ruħ bilqiegħda. Ir-ritratt juri l-gallerija għerja mis-siġġijiet u mill-ħadid ta' mad-dawra.



Fl-Oratorju, fl-1979, ittellgħet wirja taċ-ċinematografija b'diversi posters u esebiti oħrajn. Jidhru l-bankijiet l-antiki tal-klassijiet tad-duttrina li qegħdin iservu biex fuqhom jitqiegħdu l-esebiti.



Warrbilhom ħa jgħaddu għax jifilħu! Dawn huma l-Oratorjani li fl-1979 kienu entużjasti għall-*weight-lifting*. Bilwieqfa mix-xellug: Salvinu Zahra, Charlie Schembri u Joe Gauci. Quddiem mix-xellug: Joseph Frendo, Charlie Sant u Manwel Cassar.